# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' l-20 ta' Frar 2024**

**Talba nru. 88/2023**

**CASSAR FUEL LIMITED**
**(C-28453)**

***VERSUS***

**LA GRENIER A PAIN MALTA LIMITED**
**(C84790)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentata fis-17 ta' Marzu 2023 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lis-socjeta intimata bhala debitrici tas-socjeta attrici f'somma li ma teccediex il-hamest elef Ewro (Eur 5000) bl-inghax legali u li jillikwida tali somma u dan ghal fuelli s-socjeta attrici ssupplixxiet lis-socjeta konvenuta.

Ra illi s-socjeta attrici kellha tadopera l-procedura ta' l-affissjoni li saret fl-24 ta' Lulju 2023 mal-fond indikat u fis-17 t'Ottubru 2023 fl-Ghassa u Kunsill Lokali B'Kara, kif jidher a fol. 13 u fol.19, kif ukoll il-pubblikazzjoni f'gazzetta tal-gvern (a fol.11) datata 3 t'Ottubru 2023 u f'gazzetta lokali datata 13 ta' Ottubru 2023 (Fol. 16).

Ra illi fl-udjenza ta' l-14 ta' Dicembru 2023 is-socjeta konvenuta minkejja illi kienet giet debitament notifikata, ma deher l-ebda rapprezentant ghaliha jew difensur u lanqas giet ipprezentata risposta sabiex tikkontesta l-pretizi attrici. Illi ghaldaqstant it-Tribunal iddikjara lis-socjeta konvenuta bhala kontumaci.

Ra illi fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Ra illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2024, rega ma deher hadd in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta sabiex iwiegeb ghad-domandi in subizzjoni.

Ra illi xehdet Mireille Cassar in rapprezentanza tas-socjeta' attrici li ddikjarat li hija tahdem fl-amministrazzjoni tas-socjeta' attrici u li s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Eur 4,064.98, u dan ghal fuel li gie mibjugh lis-socjeta konvenuta. Ix-xhudipprezentat diversi dokumenti konsistenti f' invoices u statement. Ix-xhud ikkonfermat illi dan l-ammont ghadu dovut kollu.

Ra illi flistess udjenza tat-13 ta' Frar 2024 is-socjeta attrici ezawrixxiet il-provi taghha.

Ra l-atti processwali.

Ikkunsidra

Illi fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2024 xehdet Mireille Cassar tin rapprezentanza tas-socjeta attrici illi iddikjarat illi l-ammont mertu tal-kawza u cioe l-ammon ta' Eur 4,064.98 ghadu dovut interament mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici u li dan l-ammont komplessiv jirraprezenta fuel li inghata lis-socjeta konvenuta.

Illi ix-xhud ipprezentat diversi dokumenti in sostenn tax-xhieda taghha.

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din id-disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Illi s-socjeta konvenuta baqghet ma ressqitx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenuta, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min-naha l-ohra is-socjeta attrici ipproduciet rapprezentanta illi xehdet fiex jikkonsisti l-ammont mitlub u dan anke permezz ta' statement u invoices li gew prezentati lil danb it-Tribunal.

Illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm is-socjeta konvenuta baqghet kontumaċi, dan ma jfissirx li giet abbanduna kull eċċezzjoni li setat saret fil-kawża u li gie ammess id-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut/socjeta konvenuta. (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002).

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' ix-xhieda, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-socjeta attrici timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.  It-Tribunal ha kont ta' dak li gie affermat bil-gurament mix-xhieda ipprezentata mis-socjeta attrici inkluz d-dokumenti pprezentati li juru li verament gie mibjugh fuel lis-socjeta konvenuta.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mis-socjeta attrici u anke bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta t-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin.

**Decide**

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jiddikjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta attrici u konsegwentament jordna lis-socjeta konvenuta thallas l-ammont ta' erbat elef u erbgha u sittin Ewro u tmienja u disghin centezmu (Eur 4,064.98) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-17 ta' Marzu 2023u  li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur